**TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR**

**MALTA**

**CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL**

CCT/158/21/S

Philip Pisani
Vs
ISD Company Ltd

Illum 13 ta' Ġunju,2024.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Philip Pisani ippreżentata fit-22 ta' Settembru, 2021 kif ukoll ir-risposta tas-soċjeta' ISD Company Ltd ippreżentata fis-27 ta' Ottubru, 2021.

Ra d-dokumenti ppreżentati, sema' lill-partijiet u t-trattazzjoni magħmula waqt is-seduta tat-28 ta' April 2022.

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem, din il-pendenza tirrigwarda ammont mitlub da parti tar-rikorrenti ta' *frame* li skont hu ġie inkluż fi prezz globali mogħti mis-soċjeta' intimata.

Illi min-naħa tagħha s-soċjeta' intimata spjegat illi kien hemm prezz globali li ingħata mill-istess soċjeta' wara li ġie determinat xi jrid isir u fil-fatt iħarġet fattura dwar dan.

Illi mill-provi jirriżulta li kien biss wara talba tar-rikorrenti li inħarġet fattur dettaljata b'kull oġġett imsemmi bl-ammont u l-valur ta' kull oġġett mgħoti fiha.

Illi s-soċjeta' intimata argumentat li kien hemm qbil fil-prezz globali kif maqbul u għalhekk ma kellux jiġi imnaqqas ebda ammont wara li l-istess rikorrenti talab dettalji fil-fattura fejn il-*frame* li ma ġiex suplit minħabba li ntuża il-*frame* l-antik kellu valur ta' €1,600 skont il-fattura *itemised* mibgħuta mis-soċjeta' intimata.

Illi is-Sur Joseph Mario Maggi li jkopri il-kariga ta' *General Manager* mas-soċjeta' intimata bil-ġurament tiegħu ikkonferma li r-rikorrenti ma ġiex mgħoti kont ta' oġġetti li ma ingħatax lilu iżda insista illi l-ftehim kien fuq prezz globali.

Illi dan it-Tribunal jirrileva illi fl-aħħar mill-aħħar il-kuntratt ta' bejgħ kien komplut meta ż-żewġ partijiet qablu fuq l-oġġett in kwistjoni u fuq il-valur għaliħ, u kien biss wara r-rikorrenti talab *itemised bill* illi skrivana tas-soċjeta' intimata għamlitulu u skont il-*Manager* tas-soċjeta' intimata, għamlet żball fil-valuri mgħotija.

Illi min-naħa l-oħra t-Tribunal jirrileva illi kwalunkwe impjegat tas-soċjeta' jirrappreżenta lis-soċjeta' fil-komunikazzjonijiet u fin-negozjati bejn il-partijiet gjaladarba r-rappreżentant jingħata il-fakulta' illi jirrappreżenta f'dawn l-istess negozjati lis-soċjeta' li tkun qed tbiegħ xi prodotti bħal dan il-każ.

Illi għalhekk għar-raġunijiet fuq imsemmija, t-Tribunal hu tal-fehma li t-talba tar-rikorrenti ma tistgħax tintlaħaq, pero' l-offerta tas-soċjeta' intimata li tgħati skont ulterjuri ta' €500 għandha tingħata lir-rikorrenti tenut kont tal-iżball magħmul mir-rappreżentant tal-istess soċjeta' intimata.

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq spjegati u wara li ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta u iċ-ċirkostanzi tal-każ, t-Tribunal qiegħed Jaqta' u Jiddeċiedi billi Jiċħad' it-talba ta' Philip Pisani, filwaqt li Jilqa' l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' intimata ISD Company Ltd, pero' jordna lill istess ISD Company Ltd tgħati skont ta' €500 jew tħallas l-istess ammont jekk iċ-ċirkostanzi huma tali li l-ammont globali tiġa tħallas, b'kull parti ghandha tħallas l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri b'mod rispettiv.

Richard Sladden Av.
Arbitru